# EMA COVID-19: ir-rapportar ta' effetti sekondarji ssuspettati tal-mediċini

## Għinna nifhmu kif jaġixxu l-mediċini fil-COVID-19




**Irrapporta l-effetti sekondarji ssuspettati tal-mediċini meħudin waqt li jkollok il-COVID-19 lit-tabib, lill-infermier, lill-ispiżjar tiegħek, direttament lill-awtorità nazzjonali tal-mediċini tiegħek jew lill-manifattur tal-mediċina tiegħek.**

Pazjenti li jkollom il-COVID-19 għandhom jirrapportaw l-effetti sekondarji ssuspettati kollha li huma jesperjenzaw waqt li jkunu infettati, inkluż b'mediċini maħsuba għat-trattament tal-marda jew ta' kondizzjonijiet eżistenti minn qabel.

L-effetti sekondarji ssuspettati għandhom jiġu rrapportati anke jekk il-mediċina ma tkunx awtorizzata għall-użu fil-COVID-19.



### Meta tirrapporta effett sekondarju ssuspettat, għandek tipprovdi mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

- L-età u s-sess tiegħek
- Jekk l-infezzjoni ġietx dijanjostikata permezz ta' ttestjar jew abbażi ta' sintomi kliniċi biss
- Deskrizzjoni tal-effetti sekondarji
- L-isem tal-mediċina (isem il-marka kif ukoll is-sustanza attiva) issuspettata li kkawżat l-effetti sekondarji
- Id-doża u t-tul tat-trattament bil-mediċina
- In-numru tal-lott tal-mediċina (li jinsab fuq l-ippakkjar)
- Kwalunkwe mediċina oħra li tkun qed tittieħed bejn wieħed u ieħor fl-istess żmien, inklużi mediċini mingħajr riċetta ta' tabib, rimedji erbali jew kontraċettivi
- Kwalunkwe kondizzjoni oħra ta' saħħa li jista' jkollok

Jekk qed tinkwieta dwar kwalunkwe effett sekondarju ssuspettat bil-mediċina tiegħek, jekk jogħġbok kellem lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek għal parir.

**Biex tkun taf kif tirrapporta għand l-awtorità nazzjonali tiegħek, jekk jogħġbok żur is-sit web relevanti:**
http://www.adrreports.eu/mt/report_side_effect.html